
MONS SION
IN JERUSAL



Il-Qabar Imqaddes
ta' Sidna Ġesù Kristu
kif ikun imżejjen
fil-Għid il-Kbir
u l-Għejjeda Ewlenija
ma' tul is-sena.

It-Tieni Sena | JANNAR - MARZU, 1956 | Għadd 1

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes"*

# LEHEN
# L-ART IMQADDSA

**QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA**

Mitbugħ fl-Empire Press, 266, Triq San Pawl, Il-Belt.

# L-OPRA PIJA TAL-QABAR TA' KRISTU

**X'inhi:**

L-Opra Pija tal-Qabar ta' Kristu hi Xirka ta' mseħbin li, bi ħsieb wieħed ta' talb u ta' għajnuna ta' flus, jifhmu jgħinu lill-Missjunarji Franġiskani ta' l-Art Imqaddsa għall-ħarsien u kisba tas-Santwarji tal-Fidwa tagħna, kif ukoll għat-tixrid u ż-żamma tal-Fidi Kattolika qalb il-Lhud, il-Misilmin u x-Xiżmatiċi tal-Lvant.

**Kif u meta nħolqot.**

Inħolqot, nistgħu ngħidu, mill-bidu tal-Knisja, għax nafu, li xi wħud mill-Appostli ġabru u wasslu flus lill-insara ta' Ġerusalemm. Imma f'sura ta' xirka ġiet imsawra biss f'nofs is-seklu XIX bill-ħidma tal-Patrijiet Kummissarji ta-Terra Santa u ġiet imwettqa mill-Papa Ljun XIII, li għanija bi kbir ġid tar-ruħ, fis-sena 1894.

Għan ewlieni tagħha hu, li:

a) tgħin bit-talb, bil-flus u bil-ħidma għaż-żamma, għall-kisba u għall-ħarsien tas-Santwarji Mqaddsa;

b) taħdem kemm tista' għax-xandir tal-Fidi Kattolka qalb l-Infidili, għat-tixrid taċ-ċiviltà, għat-twaqqif ta' opri ta' beneficenza u għall-għaqda bejn l-Insara.;

ċ) tgħaqqad Xirka qawwija għal dan il-għan qaddis minn għadd kbir ta' nsara "ta' rieda tajba", li jgħinu lill-Missjunarji Franġiskani, li minn 7 sekli ilhom jaħdmu fl-Art Imqaddsa.

**L-Imseħbin.**

Imseħbin fl-"Opra Pija" huma dawk li taw isimhom lill-P. Kummissarju tat-Terra Santa flimkien ma' għajnuna ta' flus għall-ħtiġijiet materjali tas-Santwarji Mqaddsa.

Il-kitba fl-Opra Pija tista' ssir, jew għal sena biss, u l-ħlas ikun ta' xelin (1/-), jew għal dejjem, perpetwu, u l-ħlas hu ta' lira sterlina (£1).

Jistgħu jinkitbu wkoll il-mejtin.

**Zelaturi u Zelatriċi.**

Huma l-irġiel jew nisa mqabbdin mill-P. Kummissarju sabiex ixerrdu fost l-insara l-Opra Pija, ifehmulhom x'inhi, jiktbuhom fiha, jiġbru l-offerti u, flimkien ma' l-ismijiet, jaħsbu jibgħatuhom lill-P. Kummissarju tat-Terra Santa.

**Ġid tar-ruħ mogħti mill-Papiet lill-Opra Pija tal-Qabar ta' Kristu lil kull Imsieħeb.**

1. Sehem mill-Quddies kollu, mit-talb, sawm, penitenzi, tgħakkis, pellegrinaġġi u għamil ieħor ta' ħniena li jsir fis-Santwarji ta' l-Art Imqaddsa. (Il-Papa Piju, VI, f'Lulju 1778).

2. Indulġenza Plenarja fil-Milied, fil-Għid il-Kbir u fil-ħin tal-mewt.

3. Indulġenzi oħra Parzjali huma mgħotija għal kull nhar ta' Ġimgħa.

4. Lill-Isqfijiet u lill-Qassisin li jħabirku għall-Opra Pija hi mogħtija s-setgħa li jbierku l-Kurċifissi bl-għoti ta' l-Indulġenzi tal-Via Sagra u l-Kurdun ta' San Franġisk. (Ljun XIII, 26 ta' Ġunju 1894).

5. Aktar minn 30,000 quddiesa fis-sena jqaddsu l-Patrijiet Missjunarji tat-Terra Santa għal dawk miktubin fl-Opra Pija tal-Qabar ta' Kristu.

**Liz-Zelaturi u z-Zelatriċi.**

Indulġenza Plenarja speċjali fl-Istrina u nhar Santa Marija. (Papa Ljun XIII, 26 ta' Ġunju 1894).

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA

It-Tieni Sena | JANNAR - MARZU, 1956 | Għadd 1

## X'FIH DAN IL-GĦADD

L-Isem Imqaddes ta' Ġesù ... ... ... ... ... ... ... 2

L-EWWEL TAQSIMA — DAWL

Fejn kien jgħammed San Ġwann ... ... ... ... ... ... ... 3
San Pawl f'Ġerusalem u f'Malta ... ... ... ... ... ... ... 6
L-Esseni ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 8
Għid il-Bxara ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 10
Ġerusalem fi żmien Kristu ... ... ... ... ... ... ... ... 13
Il-ħaqq tal-Qadi Għarbi ... ... ... ... ... ... ... ... 16

IT-TIENI TAQSIMA — IMĦABBA

Il-Missjoni Qopta tal-Franġiskani ... ... ... ... ... ... ... 17
Żewġ Kelmiet liż-Żgħar ... ... ... ... ... ... ... ... ... 19
*Leġġenda tal-Milied*
Ġiżimin Aħmar ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 22
Għaxa mal-Għarab ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 24

MINN HAWN U MINN HEMM

Aħbarijiet ta' Barra ... ... ... ... ... ... ... ... ... 25
Aħbarijiet ta' Malta ... ... ... ... ... ... ... ... ... 27

---

Direzzjoni: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
Amministrazzjoni: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju,
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, Il-Belt.

# L-ISEM IMQADDES TA' ĠESU'

*Ġesù! Ġesù! U mal-kelmiet imqaddsa, il-qtajja ta' l-anġli mwieżna fuq is-sħab abjad qotna taħbi rasha bejn il-ġwienaħ u b'wiċċha fl-art twieġeb: "Qaddis. Qaddis. Qaddis!" L-Isem ta' Ġesù li wasal fl-art tagħna l-bnedmin mill-fomm ta' l-Anġlu t'Alla hu l-isem li jogħla fuq kull isem ieħor. San Pawl Missierna, imnebbaħ minn Ruħ il-Qodos u b'qalbu tbaqbaq bl-imħabba, stqarr li għall-Isem ta' Ġesù kulħadd jinżel għarkupptejh f'telfa ta' l-ogħla qima. Kull ilsien ilissnu u jistqarru għal dejjem.*

*Minn dik id-Dar ċkejkna u fqajra ta' Nazareth, fejn dewa ħelu l-Isem Imqaddes tal-Feddej tagħna, dan l-Isem xtered ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. U n-nies lissnet l-Isem Imbierek u tgħaxxqet. Il-qlub ħabbtu b'tama ġdida. Fih stennew Qawmien kbir, bidu ta' ħajja eqdes u itjeb.*

*L-Isem ta' Ġesù qawwa l-qlub tal-Martri qalbiena li, jitkagħwġu ma' l-art mitluqa fl-għadajjar tad-dmija, mietu bl-Isem ta' Ġesù jitliegħeb fuq xofftejhom. L-Isem ta' Ġesù saħħaħ il-fehma tal-Virġni li, bojod bla dell ta' żina, terrqu bla waqgħu, it-triqat tal-ħajja mimlija hemm u ħtija. L-Isem ta' Ġesù hu s-saħħa ta' kulħadd, kull min iħares lejh jimtela b'saħħa barranija, u qalbu tisħon bin-nar ta' l-Imħabba.*

*Ħabbitu l-kotra l-Isem ta' Ġesù, iżda minn ta' quddiemnett jiġi s-Serafin t'Assisi li stqarr fit-Testment tiegħu, li ried jaraH dejjem imweġġaħ u miqjum. U din l-imħabba ma mietitx miegħu, ma niżlitx miegħu fil-qabar u ntesiet, iżda baqgħet ħajja. Xeħitha l-Qaddis, bħala wirt għażiż, fil-qalb ta' wliedu, u minnisel għall-ieħor il-Patrijiet tagħna kienu l-Appostli qalbiena ta' l-Isem ta' Ġesù.*

*U dak li fost l-oħrajn rabat, aktar mill-qrib, ismu ma' l-Isem ta' Ġesù, kien Bennardin minn Siena, il-qaddis li qabbad id-dinja ta' żmienu u taż-żminijiet kollha bin-nar ta' l-imħabba lejn dak l-Isem Divin. Miegħu jidher quddiemna, id-dixxiplu tiegħu Ġwanni minn Capistrano li bl-Isem ta' Ġesù mpinġi fuq bandiera, mexxa l-qawwiet Insara kontra t-Torok. U meta l-Mislem, mirbuħ taħt is-swar ta' Belgrade, ħares 'il fuq, ra tperper rebbieħa u kburija, il-bandiera ta' l-Isem Imqaddes. Ħabbewh u xerrduh ma' kullimkien lil dan l-Isem għażiż, Bennardin minn Feltre, Ġakbu mill-Marche, Mattew minn Agrigento u qtajja' ta' oħrajn.*

*Ħabb dan l-Isem l-Ordni kollu, u ħabbewh u għadhom iħobbuh fuq kulħadd ir-rhieb ta' l-Art Imqaddsa li għall-ġieħ tiegħu qegħdin ibatu u jaħdmu biex żommu kif jixraq il-Postijiet Għeżież li min jaf kemm-il darba semgħu, jidwi fi ħdanhom dan l-Isem Imbierek. Kemm demm! kemm swat! kemm żeblih! kollox għall-ogħla ġieħ ta' l-Isem Imqaddes. Id-demm li ħammar it-triqat ta' l-Art Imqaddsa, kien demm li ħareġ mill-ġriehi tal-Missjunarji qalbiena li mietu biex iħarsu u jżommu bla mittiefes l-Isem tal-Feddej.*

*L-Isem ta' Ġesù! L-Isem tas-sliem u l-faraġ, ix-xemx tat-tama, il-qawwa fil-hemm. Ġesù! L-Isem għasli li jinsab miktub b'ittri tan-nirien fuq il-qalb ta' kull Franġiskan.* "Ġesù! Isem ta' faraġ,
Il-balzmu tas-serħan,
Isem miktub bil-ħġejjeġ,
Fil-qalb tal-Franġiskan."

Nhar il-Milied, 1955. ID-DIREZZJONI.

# FEJN KIEN JGĦAMMED SAN ĠWANN

Fuq ix-xatt tax-xmara tal-Ġurdan, xi erbat imjiel 'il fuq mill-Baħar il-Mejjet, fix-Xerq tal-belt imsemmija Ġerko, jew Ariha, jinsab l-imkien fejn sena waħda, għal ħabta ta' Jannar, San Ġwann il-Għammiedi ħareġ jgħallem lil Lhud u jhejjihom għall-Miġja tal-Messija. Dan l-imkien jinsab 'il ġewwa, fix-xori tal-Lhudija — xori niexef u mikwi mix-xemx qalila tal-Palestina. Imma fuq iż-żewġ xtut tax-xmara tal-Ġurdan, li l-ilma tiegħu għandu bidu mit-tidwib tas-silġ li s-sena kollha jbajjad fuq Ġebel ix-Xiħ, jew Ħermon, iħaddru siġar sbieħ, sfieq u dellija, miżgħuda bil-għasafar jgħannu, li bihom ix-xmara tisthajjilha xi għerq mill-Ġenna tal-Art, mimdud f'dak il-barr niexef, għatxân u mielaħ.

Jekk immorru f'dan l-imkien, inkunu qegħdin xi erba' mitt jarda taħt il-wiċċ tal-Baħar Mediterran, għalhekk is-sħana li hemm tifilġek; u l-ilma tal-Ġurdan tisthajlu jistiednek biex tixteħet fih, tgħum għuma, u tieħu hena u saħħa u ħajja ġodda. Hawnhekk għażel San Ġwann biex jiġbed in-nies lejh u jgħallimhom. U n-nies ġew bil-kotra, sew biex jaraw dan il-bniedem tal-għaġeb u sew biex jissaffew minn dnubiethom u jithejjew għall-wasla tal-Messija.

Iżda jum fost l-oħrajn, minn bejn il-ġemgħa resaq ukoll Ġesù lejn San Ġwann biex Huwa wkoll jitgħammed minnu; u bħal ma n-nies thejjew biex jisimgħu l-Kelma ta' Melkut is-Sema, Huwa jithejja wkoll biex jibda jsamma' din il-Kelma. Ġesù talab lil San Ġwann biex jgħammdu, imma dan għall-ewwel ma riedx; imma fl-aħħar kellu jgħammdu. U kif kien Ġesù tiela' mill-ilma, stama' leħen mis-sema jgħajjat u jgħid: "Ibni l-Maħbub int, li tgħaxxaqt bik!"

Minn dak il-ħin twaqqaf is-Sagrament tal-Magħmudija, u l-ilma tal-Ġurdan baqa' magħdud bħala Ilma Mqaddes, li jaħfer id-dnubiet. Minn dik inhar, mal-ġmiel tas-siġar u l-ħlewwa tad-dell tagħhom u l-bruda tal-ilma tax-xmara, żdiedet il-qdusija ta' dak l-imkien, u l-qima għalieh fost dawk kollha li ħaddnu t-Tagħlim ta' Ġesù. U għalhekk, sa mill-ewwel żmenijiet tal-Insara, eluf ta' nies bdew iżuru dan l-imkien Imqaddes, u hekk ukoll għadhom jagħmlu sal-lum, iżuru bil-qima u bl-indiema l-imkien għażiż fejn darba San Ġwann għammed lil Ġesù.

Il-lum, dawk li jmorru mawra sal-Art Imqaddsa, meta jmorru jżuru 'l Ġurdan, jitilqu minn Ġerusalem għal Ariħa (jew Ġerko). Hemmhekk il-Franġiskani għandhom knisja żgħira u naqra ta' dar ħelwin manna, imdawrin bis-siġar. Għalhekk in-nies isaqsu għall-Franġiskani u jitolbuhom lil xi ħadd li jista' jwassalhom sal-Ġurdan, biex jaraw in-naħa fejn tgħammed Ġesù. F'dik id-dar hemm tlieta minnies: Patri Franġisk, Fra Ġużepp u wieħed qaddej Għarbi, Mislem, jismu Ħamdân. U wieħed minn dawn it-tlieta jmur iwassal lin-nies sax-Xmara Mqaddsa.

Malli jibdew joqorbu lejn il-Ġurdan, jilmħu 'l hawn u 'l hemm tifkiriet qodma. Jaraw il-Kunvent qadim tal-Griegi, imsemmi Deir Mar-Juħanna, jiġifieri, Kunvent ta' San Ġwann. Hemm jinsab wieħed Raħeb Grieg, qasir u oħxon, li malli jara n-nies jersaq lejhom u jibda jfissrilhom li dak id-Dejr inbena fis-seklu Ħamsa, jiġifieri, xi erba' mitt sena wara li Kristu kien fid-dinja.

Jgħidilhom ukoll li hemm kien jinsab il-għarix li fih kien jgħaddi l-lejl San Ġwann fiż-żmien li kien ixandar it-Tewba, u jurihom ukoll il-ftit li baqa' fid-Dejr mill-ġmiel u l-kobor tal-qedem. Minn hemm ukoll jidher bini msemmi Qasr el-Jeħud, fejn jingħad li l-Lhud qasmu x-xmara meta daħlu l-Palestina, wara li ħarġu mill-jasar. Imbagħad in-nies jibqgħu sejrin 'l isfel, salmkien li fih San Ġwann għammed lil Ġesù.

Din-naħa r-Rħieb Franġiskani tal-artal tista' tinżel għal ġewwa x-xmara minn taraġ li għamlu hemm ir-Rħieb għal daqshekk, u tirkeb fuq dgħajsa bis-Salib tal-Art Imqaddsa, u tagħmel dawra fuq ix-xmara.

Hawn fl-antik ħafna, kienu jiġu l-Katakumeni biex jitgħammdu f'dak l-ilma n-nifsu li fih kien tgħammed Ġesù. U għadu jinsab miktub f'kotba qodma li Nhar il-Ħammiem, jiġifieri fis-sitta ta' Jannar, xtut ix-xmara kienu jkunu miżgħuda bl-Insara. Dawn għall-ewwel kienu jimxu wara xulxin, bħala



**IL-POST FEJN TGĦAMMED ĠESU'**

**Ġemgħat ta' Nsara li marru jżuru l-Ġurdan fl-aħħar Ħamis ta' Ottubru. Fix-xatt jidher il-baldakkin li taħtu jinsab l-artal u fl-ilma tidher id-dgħajsa bir-Rħieb Franġiskani.**

Qabar ta' Kristu. xtraw biċċa art u f'nofsha bnew naqra ta' knisja u dar żgħira b'tifkira ta' din il-Ġrajja għażiża. U fuq xatt ix-xmara sewwa bnew artal imdawwar b'erba kolonni u mgħotti b'baldakkin tas-siment, biex il-qassisin li jmorru hemm ikollhom fejn iqaddsu. Minn quddiem dan l-ġilwa, ma' xatt ix-xmara, bl-Isqof magħhom, jgħannu għana ta' tifħir 'l Alla, u wara li jitgħammdu l-Katakumeni, l-Insara kollha kienu jinżlu fl-ilma milfufa f'liżar abjad, li mbagħad wara, kienu jerfgħuh biex jinqdew bih bħala kefen meta jmutu. Wara kienu jirkbu dgħajsa u jmorru fuq ix-xmara

jduru ma' salib kbir imħawwel fin-nofs tagħha, li kien juri n-naħa sewwa fejn tgħammed l-Imgħallem tagħhom Ġesù.

Kif ma nqatgħu qatt l-Insara mill-Palestina hekk ukoll id-drawwa li jmorru jżuru l-Ġurdan qatt ma nqatgħet. Ġie żmien li dawk il-Għarab li jgħidulhom Bedu kienu jaħbtu għall-Insara huma u sejrin u jisirqulhom li jkollhom, imma ta' dana sabu tarf billi bdew jistennew lil xulxin f'Ġerusalem u minn hemm jitilqu l-koll ġliba waħda li kienet tkun ta' bosta eluf. Hekk, meta l-Għarab jaraw dik il-kotra ta' nies, ma kienx ikollhom ir-riħ li jaħbtu għalihom fit-triq.

Il-lum ma hemm ebda biża' li l-Għarab jaħbtu għall-Insara. Mhux talli dan, talli malli jkunu jafu li hemm in-nies fuq xatt ix-xmara, imorru jbiegħulhom kwiez żgħar biex jimlewhom bl-ilma tal-Ġurdan u jeħduhom magħhom lejn pajjiżhom, biex jitbellu b'dak l-ilma meta jkunu morda jew jgħammdu bih lil uliedhom.

Fis-sitta ta' Jannar, nhar il-Ħammiem, għadhom sal-lum jinżlu qatiegħ Insara lejn ix-xmara tal-Ġurdan. Jinżlu minn Ġerusalem, min-Nâblus, minn Betleħem, minn Ramalla u minn Ariħa. Imma l-aktar li jmorru nies l-aħħar Ħamis ta' Ottubru, meta jinżlu hemm ir-Rħieb Franġiskani tal-Qabar ta' Kristu u jagħmlu hemm "Ħafla" jew festa, sabiħa. Isir *pellegrinaġġ* kbir u jmorru miegħu taifa kbira ta' Nsara mill-bliet kollha tal-qrib. F'dan il-*pellegrinaġġ* ikun hemm ir-Reverendissmu Patri Kustodju tar-Rħieb ta' Ġieżu ta' Ġerusalem flimkien mal-kbarat ta' ma' dwaru. Dan iqaddes quddiesa kbira bil-kant tar-Rħieb u tat-tfal fuq l-artal ta' xatt ix-xmara, dak li semmejna l-ewwel. Wara li jkunu qaddsu, il-Ministri, jirkbu d-dgħajsa, jitbiegħdu ftit mix-xatt u fejn kull ħadd jista' jismagħhom, iġeddu l-wegħdiet tal-Magħmudija, flimkien mal-ġemgħat tan-nies li jkunu hemm.

Wara dan in-nies jinġemgħu ġemgħa ġemgħa ta' qraba u ħbieb, joqogħdu bil-qegħda jieklu li jkunu ġiebu magħhom, jixorbu, u jithennew bid-dell tas-siġar, bir-rwieħ tax-xmara u bil-għana tal-ġlejjeb ta' għasafar.

Imbagħad kull ħadd imur idur. Jew f'Wadi Ħarrar, fejn hemm bosta tifkiriet għeżież, bħal l-Għar fejn kienet tgħammar Santa Marija l-Masrija, wara li biddlet ħajjitha b'tewba ta' dnubietha, xi elf u ħames mitt sena ilu; jew lejn Ġebel Mar-Eljas, minn fejn Sant'Elija kien meħud is-sema; u min imur jara l-Għar ta' Seprafas, fejn jingħad li kien jgħammar San Ġwann.

L-imkien fejn tgħammed Ġesù huwa għażiż ukoll għall-Griegi Xiżmatki u saħansitra għall-Misilmin. Ħafna mill-Griegi, meta jixjieħu sewwa u joqorbu għall-mewt, jiġu hawn rekbin fuq xi ħmara u jinħaslu fl-ilma tal-Ġurdan, biex jindafu minn dnubiethom, ħalli meta jmutu, imorru safjin quddiem Alla. Hekk ukoll il-Misilmin, meta żaqqhom tegħlibhom u jieklu l-laħam tal-ħanżir jew jixorbu l-inbid, li huwa ħrâm għalihom, imorru fis jinħaslu fl-ilma tal-Ġurdân, ħalli jinsfew mill-ħtija tagħhom.

P. Gwidu Schembri, O.F.M.

---

## QWIEL TAL-PALESTINA

*Ħa li baddu jastariħ, x'ħu ma jxuf jaqul: Imliħ.* Jiġifieri: dak li jrid jgħix bis-sliema, kull ma jara jgħid li hu sewwa; ma joqgħodx imaqdar u f'kollox isib xi nuqqas. It-tmaqdir iġiegħel li l-bniedem jinbagħad.